

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi \(minn Pajjiż Ieħor\) Se Titqies F'dan Il-pajjiż](#) > [Finland](#)

Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn
Finlandja



Finlandja

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens f'każijiet transfruntieri?

State Treasury

P.O. Box 50

FI-00054 State Treasury, Finland

E-mail: rikosvahingot@valtiokonttori.fi

<https://www.valtiokonttori.fi/en/frontpage/>

Nista' nibgħat it-talba tiegħi direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dan il-pajjiż anki f'każijiet transfruntieri (mingħajr ma jkolli bżonn ngħaddi mil l-awtorità ta' assistenza f'pajjiżi)?

In ti tista' tibgħa it-talba tiegħek direttament lit-Teżor tal-Istat (*Valtiokonttori*). Innota, madankollu, ir-restrizzjonijiet fuq il-lingwa tad-dokumenti kif spjegat hawn taħt.

B'liema lingwa/i l-awtoritajiet li jkunu qed jipprovdu l-kumpens jaċċettaw it-talba?

U d-dokumenti ta' sostenn?

It-talba trid issir bil-Finlandiż, bl-Iżvediż jew bl-Ingliż. Id-dokumenti ta' sostenni wkoll iridu jkunu f'waħda minn dawn il-lingwi.

Jekk l-awtorità li tkun qed tipprovdi l-kumpens tittraduċi t-talba/id-dokumenti ta' sostenn minn pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?

It-Teżor tal-Istat mhux se jaċċetta talba għall-ipproċessar jekk din ma ssirx f'waħda mil-lingwi msemmija hawn fuq. Jekk teħtieġ għajjnuna bit-traduzzjoni tad-dokumenti, tista' tikkuntattja lill-awtorità ta' assistenza fil-pajjiż fejn tgħix.

Hemm xi ħlasijiet amministrattivi jew ħlasijiet oħra li għandhom jitħallsu

f'dan il-pajjiż għall-ipproċessar tat-talba tiegħi (li tkun waslet minn pajjiż ieħor tal-UE)? Jekk iva, kif nista' nħallas għalihom?

Inti mhux se tintalab tħallas kwalunkwe kost amministrattivi għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk ikolli bżonn inkun preżenti waqt il-proċedura u / jew waqt li t-talba tiegħi tkun qed tiġi deċiża, nista' niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi? Kif nista' nagħmel talba għall-ħlas lura? Lil min għandi nikkuntattja?

Il-każ se jiġi pproċessat mit-Teżor tal-Istat bil-miktub. Inti mhux se tintalab tidher personalment matul kwalunkwe stadju tal-proċess.

Jiġi pprovdut interpretu, f'każ li jkolli nkun personalment preżenti?

Ara t-tweġiba preċedenti.

Iċ-ċertifikati mediċi, li jingħataw mit-tobba fil-pajjiż ta' residenza tiegħi, jiġu aċċettati jew rikonnoxxuti – jew is-saħħa/korriment tiegħi jrid jiġi eżaminat mill-esperti mediċi tagħkom stess?

Ċertifikat mediku maħruġ minn tabib fil-pajjiż ta' residenza tiegħek se jiġi aċċettat bħala evidenza tal-korriment li soffrejt.

Se niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi, jekk ikolli nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?

Ara t-tweġiba preċedenti.

Kemm tiegħu żmien (bejn wieħed u ieħor) biex l-awtorità / korp jiddeċiedi dwar talba għal kumpens?

Inti tirċievi deċiżjoni fuq medja ta' 6-8 xhur wara li t-Teżor tal-Istat jirċievi t-talba tiegħek.

B'liema lingwa se nirċievi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi?

It-Teżor tal-Istat joħroġ id-deċiżjonijiet bil-Finlandiż u bl-Iżvediż biss. Jekk inti għamilt it-talba tiegħek bl-Ingliż, inti se tirċievi sommarju bl-Ingliż tal-kontenut tad-deċiżjoni flimkien mad-deċiżjoni.

Jekk ma nkunx sodisfatt bid-deċiżjoni, kif nista' nikkontestaha?

Inti tista' tappella bil-miktub lill-Qorti tal-Assigurazzjoni (*Vakuutusoiikeus*) kontra deċiżjoni dwar kumpens li tkun irċevejt, fi żmien 30 jum mid-data li fiha ssir taf bid-deċiżjoni. Il-linji gwida dwar kif tista' tappella huma mehmużin mad-deċiżjoni dwar il-kumpens tat-Teżor tal-Istat.

Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) taħt ir-regoli tal-pajjiżi l-ieħor?

It-Teżor tal-Istat jista' jagħtik parir dwar affarijiet relatati mat-talba għal kumpens. Jekk inti tuża l-għajnuna ta' avukat estern biex tipprepara t-talba tiegħek, il-kostijiet li jqumu minn dan jistgħu jiġu kumpensati biss jekk inti tkun ingħatajt għajnuna legali jew ġejt assenjat konsulent legali għas-smiġħ tal-każ minn qorti. Il-kostijiet tal-

preparazzjoni tat-talba jistgħu jġu kkompensati wkoll meta l-każ ma jinstemax minn qorti, jekk inti tissodisfa l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti biex tikseb għajjnuna legali.

Hemm xi organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi f'dan il-pajjiż li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens?

Inti tista' tikseb għajjnuna biex tagħmel talba minn Appoġġ għall-Vittmi Finlandja (*Rikosuhripäivystys*) (RIKU). Inti tista' ssib id-dettalji tal-kuntatt ta' din l-organizzazzjoni fuq is-sit web tagħha fuq <https://www.riku.fi/en/home/>

■ L-aħħar aġġornament: 19/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.